# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 12**

**Citaz. numru 173/93 GV**

**Julian Sammut u Ian Mizzi bhala diretturi, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Berkley Limited.**

**vs**

**Mary sive Marlene Mizzi u zewgha l-Magistrat Dottor Antonio Mizzi bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejniethom.**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-atturi nomine pprocedew kontra l-konvenuta u zewgha b'dan l-att ta' citazzjoni :-

> "L-atturi ppremettew illi fil-25 ta' Settembru 1986, is-socjeta' attrici u l-konvenuta ghamlu ftehim li permezz tieghu l-konvenuta obligat ruhha li tbiegh merkanzija fornita lilha mis-socjeta' attrici (Dok A) ;
>
> premess illi l-konvenuta naqset li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef u ghaxar liri Maltin, tlieta u erbghin centezmu u tmien millezmi (Lm5,010.43,8) rappresentanti l-prezz ta' merkanzija kkonsenjata lilha matul is-sena 1991 sas-17 ta' Novembru 1992 ;
>
> premessi illi l-interessi legali dovuti mill-1 ta' Jannar 1991 sal-25 ta' Jannar 1993, fuq il-prezz fuq indikat jammontaw ghal tmien mija u hamsa u sittin liri Maltin, erbgha u sebghin centezmu u disa' millezmi (Lm865.74,9) ;
>
> premess illi s-socjeta' attrici kemm-il darba talbet lill-konvenuta sabiex thallas l-ammont fuq imsemmi u anke ppruvat ssib soluzzjoni amichevoli ghal din il-vicenda billi offriet li dan l-ammont jithallas bla interessi, izda din baqghet inadempjenti ;
>
> Ghaldaqstant l-atturi nomine talbu lil din il-Qorti :-
>
> 1. Tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' hamest elef tmien mija u sitta u sebghin lira Maltija tmintax-il centezmu u seba' millezmi (Lm5,876.18,7) kwantu ghal Lm5,010.43,8 kapital u Lm865.74,9 interessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittri interpellatorji tat-8 ta' Ottubru 1991 u tal-21 ta' Ottubru 1992 u ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Jannar 1993, u l-interessi legali ulterjuri kontra l-konvenuti."

**<u>ECCEZZJONIJIET</u>**

Il-konvenuti hekk eccipew ghat-talbiet attrici :-

> "Illi f'linja preliminari, l-konvenuta Mary sive Marlene Mizzi hija mharrka hazin ghaliex ma jisimhiex Mary, waqt li l-Magistrat

Dottor Antonio Mizzi inkwantu mharrek bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti huwa wkoll imharrek stante illi l-komunjoni ta' l-akkwisti hija fin-natura taghha istituzzjoni purament civili u ghalhekk il-Qorti tal-Kummerc m'ghandhiex kompetenza, apparti mill-istess Magistrat m'huwiex fil-kummerc.

Illi fil-mertu, l-ammont huwa esagerat u mhux dovut fl-intier tieghu.

Illi jidher li l-interessi legali nhadmu fuq l-ammont intier mill-1 ta' Jannar 1991, meta l-ammont intier ma kienx dovut minn din id-data.

Illi l-pagamenti puntwali citati mill-atturi huma kondizzjoni wahda biss tal-iskrittura tal-25 ta' Settembru 1986.

Illi l-atturi kisru diversi mill-kondizzjonijiet l-ohra tal-istess skrittura u ghalhekk, kwalunkwe ammont mitlub, jekk dan jirrizulta, huwa kkompensat b'ammonti dovuti lill-atturi in linea ta' danni u ghal dan il-ghan, huma sejrin permezz ta' din in-nota ta' eccezzjonijiet jippresentaw kontro-talba kontra l-istess atturi a bazi tal-artikolu 396 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12)."

**KONTRO-TALBA**

Il-konvenuti ghamlu s-segwenti talba rikonvenzjonali kontra s-socjeta' attrici :-

"Il-konvenuti a fol. 13 ippremettew illi bi skrittura tal-15 ta' Settembru 1986, l-atturi kellhom jissuplixxu b'konsenja prodotti tad-ditta "Mothercare" biex jinbieghu f'parti minn hanut proprjeta' tal-konvenuti fir-Rabat ;

Premess illi l-konvenuti bnew u ddekoraw dik il-parti tal-hanut kif hemm provdut fl-artikolu wiehed tal-istess ftehim u dan a spejjez taghhom ;

Premess illi sa minn Novembru 1990, l-atturi ma baqghux jiffornixxu prodotti tal-"Mothercare" ghal bejgh, jew, cioe', ma fornux oggetti godda ;

Premess illi f'Dicembru 1991, l-atturi hadu kwazi l-prodotti kollha mill-hanut tal-konvenuti biex dawn jinbieghu f'lokal iehor ;

Premess illi tul dan il-perjodu kollu l-atturi qatt ma nnotifikaw lill-konvenuti li huma kienu bi hsiebhom jitterminaw il-ftehim fuq citat, skond il-klawsola 7 tal-istess ftehim, liema terminazzjoni ghadha sal-lum ma saritx. Infatti, is-sinjal tal-"Mothercare" ghadu mwahhal mal-hanut tal-konvenuti ;

Premess illi l-atturi kisru klawsola 4 tal-istess ftehim billi mingajr konsultazzjoni u minkejja l-opposizzjoni tal-konvenuti ma tawx il-margini tal-profitti hemm stipulat f'diversi okkazzjonijiet ;

Premess illi l-atturi kisru wkoll klawsola 6 tal-istess ftehim billi fornew prodotti tal-"Mothercare" lill-hanut iehor fil-lokalita' fejn il-konvenuti kellhom l-esklusivita' ;

Premess illi l-konsegwenza ta' dan l-agir tal-atturi, il-konvenuti sofrew u ghadhom isofru danni kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

Premess illi l-atturi ghalkemm mitluba biex jillikwidaw dawn id-danni baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant il-konvenuti talbu lil din il-Qorti :-

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli tal-ksur ta' diversi kundizzjonijiet fl-iskrittura datata 25 ta' Settembru 1986 u ghad-danni rizultanti minn tali ksur ;

2. Tillikwida d-danni dovuti lill-konvenuti rizultanti minn din ir-responsabbilita' ;

3. Tikkompensa l-ammont hekk likwidat mal-amont mitlub mill-atturi ;

4. Tordna l-pagament ta' kwalunkwe ammont li jista' jkun dovut lill-konvenuti bhala bilanc wara dan il-kumpens ;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Dicembru 1991 u tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Frar 1993 u bl-imghax legali kontra l-atturi."

**ECCEZZJONIJIET TAL-ATTURI NOMINE GHALL-KONTRO-TALBA TAL-KONVENUTI**

Is-socjeta' attrici eccipew ghal din il-kontro-talba illi huma ma kienu kisru ebda parti mill-ftehim tal-25 ta' Settembru 1986. B'hekk ma kienx hemm lok illi jigu kkundannati jhallsu xi danni li setghu sofrew il-konvenuti u t-talbiet taghhom kellhom jigu respinti bl-ispejjez.

**VERBAL**

Fis-seduta tal-11 ta' April 1994, il-konvenuta vverbalizzat illi ma kienitx qed tinsisti fuq l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni taghha u cioe' li l-konvenuta ma jisimihiex Mary izda zammet ferm il-kumplament tal-eccezzjoni.

**DECIDE**

B'sentenza tat-28 ta' Ottubru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet tal-atturi nomine bl-ispejjez kontra l-konvenuti u cahdet il-kontro-talba tal-konvenuti salv li jibqghu impregudikati kwalunkwe drittijiet li seta' jkollhom l-istess konvenuti skond kif fl-istess sentenza rizervat. L-ispejjez tal-kontro-talba kellhom jithallsu mill-konvenuti.

## MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA

L-ewwel Qorti qabel ghaddiet biex ikkonsidrat fil-mertu kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba elenkat fil-qosor il-punti saljenti tad-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-kontendenti. Dawn qed jigu hawn riprodotti :-

> "**Provi**
>
> **Peter Wirth** xehed li hu kien manager tal-kumpanija attrici. Huma kienu jbieghu merkanzija on consignment lill-konvenuta u dina kellha kull gimgha taghmel pagament tax-xoghol kollu li tbiegh. Hi kienet ghamlet pagamenti imbaghad kienet waqfet u l-bilanc mitlub fic-citazzjoni jirrapprezenta l-ammont ta' xoghol li bieghet u li ma hallsitx tieghu (ara fol. 45). Dak iz-zmien hi ma kienet ilmentat minn xejn. Fil-klawsola tlieta hemm imnizzel li l-konvenuta kellha thallas wara kull gimgha izda imbaghad sar ftehim verbali li setghet thallas wara xahar.
>
> F'Novembru 1990, ma baqghux igibu merkanzija mill-kumpanija Mother Care Ltd, u l-kumpanija taghhom ma kienitx sejra tajjeb u ddecidew li jieqfu jikkumercjaw u staqsew lill-konvenuta kienitx interessata tixtri l-kumpanija izda ma kienitx. Huma ma kienux itterminaw formalment il-ftehim billi l-konvenuta kienet diga' kisret il-ftehim meta ma hallsitx. Huma riedu jigbru li stock u jbieghuh at a discount. Huma kienu gabru dak l-istock li hassew li l-konvenuta kienet qed issib diffikulta' biex tbiegh. Wara li kienu tawha l-credit note ta' li stock li hadu u l-konvenuta kien fadallha xi Lm8,000 merkanzija fil-hanut. Imbaghad kienu sabu persuna interessata tixtri merkanzija in bulk ghalhekk hadu xi stock iehor minghand il-konvenuta b'mod li l-konvenuta kien baqalha taghti Lm5,870 oltre l-interessi. Li stock ittiehed fil-presenza tal-konvenuta.
>
> Huma kienu ftehmu fuq 25% profit ghall-konvenuta. Ma kienx sar ftehim dwar profit ghal zmien is-sales u minflok ghamlu ftehim verbali li fis-sales ikun hemm 12½%. Fejn kien hemm stock antik ipprovaw inaqqsu l-prezzijiet taghhom. Fil-kuntratt kien hemm

ftehim ghal esklussivita' ghar-Rabat u l-vicinanzi. Fir-Rabat kienu bieghu xi toiletries tal-Mother Care lil Supermarket. Din kienet okkazzjoni unika u meta dahal hu fil-kumpanija kien waqqaf kollox. Berkley Ltd kellha franchise tal-Mothercare hawn Malta. Dan il-franchise spicca. Kienu qalu lil Mrs. Mizzi b'dan. Dan dam minn 1986 sal-1990 meta gabu l-ahhar konsenja.

**Gladys Conti** xehed li kienet ghamlet xi zmien bil-hanut tal-Mothercare f'Tower Road, Sliema. Bdiet fil-1986 u spiccat fil-1991. Kien avvicinaha Julian Sammut u qallha li kellu l-agenzija tal-Mothercare u kienu ftehmu li hu jikkonsenjalha merkanzija tal-Mothercare fil-hanut f'Tower Road. Il-ftehim gie approvat mill-Mothercare. Kull gimgha hi kellha taghti rendikont ta' dak li tbiegh, thallas u huma jaghtuha commission. Sal-1990 ix-xoghol mexa regolari, imbaghad bdew ihalluha nieqsa mix-xoghol u ghalhekk talbithom biex tbiegh merkanzija ta' haddiehor ukoll. Baqghet bla risposta imbaghad kien avvicinaha l-attur u staqsiha jekk kienitx interessata tixtri l-agenzija. Hi ma kienitx interessata li tixtri l-agenzija u lanqas li stock meta kien hemm hafna materjal li kien antik. Fil-hanut gieli gabulha xi merkanzija li ma kienitx ta' l-ahhar katalgu tal-Mothercare. Meta kienet fethet l-ewwel darba l-hanut tas-Sliema kienet il-konvenuta li organizzat l-affarijiet tax-shop window.

**Il-konvenuta** xehdet li kienet ghamlet il-ftehim li hemm a fol. 4 et seq. Hi kienet se tbiegh prodotti tal-Mothercare fil-hanut taghha tar-Rabat u f'dak ta' Gladys Conti tas-Sliema. Kienet telghet Londra biex tittrejnja u ghamlet l-ewwel ordni ghal hanut tas-Sliema. Kienet siefret u meta giet lura Berkley kienu kitbulha li ma kellhomx bzonn is-servizzi taghha u talbuha lura s-shares li kellha fil-kumpanija Berkley. Hi pero' baqghet tiehu merkanzija ghal hanut tar-Rabat. Fil-hanut tar-Rabat ghamlet l-ispejjez billi kienet tarredah biex ikun ghall-istandard tal-Mothercare. Kienet fethet f'Ottubru 1986. Kellhom ituha l-merkanzija on consignment u dak li tbiegh thallas u jaghtuha 25% tal-profitt. Ghaddew 4 snin u dejjem hallset puntwalment. Kienet tibghatilhom lista tax-xoghol li tbiegh mill-hanut u cheque less il-commission. F'Novembru 1990, Mothercare waqfu milli jissupplixxu merkanzija gdida. Huma imbaghad bdew igibulha merkanzija antika. Hi ma setghetx tirricikla fashion items minn season ghall-iehor. Wara saret taf li ma kienux qed igibu merkanzija gdida ghax ma kellhomx franchise. Huma kienu on a trial period of one year. Is-sales nizlu drastikament. In-nies kienet tinduna li li stock kien antik ghax kien hemm katalgi available. Hi kienet infurmat lil Peter Wirth li ma setghetx tkompli tbiegh items antiki. Huma kienu staqsewha jekk lesta tixtri l-franchise minghandhom izda ma kienitx interessata billi l-hsara

lahqet saret. Huma qatt ma tawha notice of termination skond kif hemm stipulat fil-kuntratt. F'Novembru 1992 huma kienu gabru lura l-merkanzija mill-hanut tar-Rabat u tas-Sliema.

Kieku kienet taf li l-atturi ma kellhomx franchise ma kienitx taghmel l-ispejjez biex tixtri l-art ir-Rabat wara l-hanut ta' Mother & Child, tibnieha u taghmilha ghall-ispecifications tal-Mothercare.

Hi ppretendiet 25% commission anke fiz-zmien tas-sales ghax hekk jghid il-kuntratt. Hi kienet accettat li tiehu 12.5%. Dan kien breach of contract. Imbaghad kien hemm il-kwistjoni tal-esklusivita'. L-atturi kienu bieghu xi toiletries tal-Mothercare lil Supermarket fir-Rabat. Huma qatt ma tawha notice of termination bil-miktub. Huma ma kienux jibghatulha prodotti godda. Anke l-merkanizja li kienu jgibulha ma kienitx tinbiegh, ghax ma kienux jixtru sew. Hi kienet waqqfet il-pagamenti ghax ma setghetx taccetta merkanzija riciklata. Ma taqbilx li sa Novemru 1991, il-merkanzija li jaghtuha kienet dejjem gdida.

Hi ma taqbilx li kien hemm il-bilanc pendenti li qed jitlob l-attur. Tichad li kienet af li huma kienu on a trial period. Hi baqghet ghaddejja bil-kalkoli taghha sakemm giet prezentata l-kawza ghax qabel ma kienitx inghatat notice of termination. Tichad li Mothercare ma baqghux jibghatu merkanzija ghax hija ma kienitx qed thallas regolarment. Il-konvenuta ezebiet id-dok MM5 (a fol. 150) li hu prospett tal-pretensjoni taghha li hemm fil-kontro-talba. Meta kienet tigi konsenjata l-merkanzija hija kienet tircievi delivery note u mhux invoice."

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-EWWEL QORTI

L-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-fatti kif irrizultawlha pruvati biex waslet ghall-konkluzjoni taghha illi t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta kellha tigi milqugha bir-rizerva li ghamlet fl-ahhar tal-konsiderandi taghha bil-hsieb illi tistronka kull ulterjuri litigju bejn il-kontendenti :-

"**Dwar l-ewwel eccezzjoni** tal-konvenuti l-Qorti tirrileva li bl-emendi tal-1994 ghal Kodici ta' Procedura Civili d-distinzjoni bejn Qorti Civili u Qorti Kummercjali ghal dak li hija kompetenza

tehhiet ghalhekk dina l-eccezzjoni dwar kompetenza qed tigi michuda.

**Talba ta' l-attur.**

**Dwar l-ammont (qua ammont) mitlub** fic-citazzjoni ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni. Dan jirrappresenta l-ammont ta' bejgh li l-konvenuta ghamlet u li ma hallsitx. Il-konvenuta ma gabitx provi fis-sens li kien hemm xi pagamenti li suppost ghamlet u li ma tnaqqsux jew li nghatat xi credit note li ma tnizzilx fli statements. Il-konvenuta ma ndikatx fejn hi ma taqbilx ma li statement of account li pprezenta l-attur.

Fil-kors tax-xhieda taghha l-konvenuta qalet li hi m'ghandha taghti xejn lill-attur u jekk hemm xi haga, dina ghandha tigi kompensata bid-danni li hi sofriet u li ghalihom ipprezentat kontro-talba.

Invece jidher mill-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet qabel bdiet il-kawza, li l-konvenuta tramite l-avukat taghha, kienet ammettiet u rrikonoxxiet li kellha xi bilanc. Fil-fatt fl-ittra a fol. 17 fl-ahhar paragrafu hemm imnizzel li :-

*"My client acknowledges that a certain amount of money is owing to you. This, however, is being retained subject to a meeting being held in order for all outstanding points to be resolved."*

Imbghad skond l-attur, u anke skond l-ittri minnu esebiti, jirrizulta li l-konvenuta kienet tweghdu li se thallas imma ma wasslitx. Kienet anke semmiet li qed tistenna li l-accountant jivverifika certi figuri izda l-istess baqghet ma waslitx.

L-attur qed jikkontendi li l-konvenuta kienet ghamlet xi snin tinnegozja maghhom u thallas regolari imbaghad bdiet tmur lura fil-pagamenti. Huma kitbulha diversi drabi biex thallas imma ma rrisponditхomx. Imbaghad kitbulha bl-avukat u wara ppresentaw ic-citazzjoni odjerna.

L-attur qed jissottometti li l-konvenuta kisret il-ftehim li kien hemm bejniethom meta bdiet tmur lura fil-pagamenti u li ma thallasx. Huma ghalhekk ma baqghux ifornuha bil-merkanzija u fil-fatt l-ahhar konsenja saret f'Novembru 1990 ghall-istagun li kien imiss. Wara rtiraw il-merkanzija li l-konvenuta kienet qed izzomm ghandha u tawha credit note.

Ghalhekk it-talba ta' l-attur ghandha tigi milqugha.

**Kontro-talba tal-konvenuti**

Il-konvenuta qed tippretendi li hi ma hallsitx il-bilanc ghax l-attur kiser il-ftehim li kien hemm bejniethom u ma baqax iforniha merkanzija gdida. Hi semmiet diversi cirkostanzi fejn hi thoss li l-attur kiser il-ftehim.

Il-konvenuta issottomettiet li l-attur unilateralment naqqas **il-profitti** taghha fil-kaz ta' end of season sales meta fil-fatt huma kienu espressament ftehmu bil-miktub li hi kienet intitolata ghal 25% tal-prezz ghal kull bejgh. Dwar dan il-punt l-attur xehed li kien sar arrangament verbali (bhal kif sar fil-kaz tal-pagamenti kull xahar minflok kull gimgha), pero' l-konvenuta tichad dan, li fil-kaz ta' end of season sales ir-rohs kellu jigi sopportat nofs mis-socjeta' attrici u nofs mill-konvenuta.

Il-konvenuta qed tissottometti li kien hemm dan in-nuqqas ta' profit fil-kaz biss tal-end of season sales u mhux fuq is-sales kollha. Jirrizulta pero' li l-konvenuta attwalment kienet accettat li jsiru dawn is-sales u hadet 12.5% commission. Il-konvenuta setghet ma taghmilx is-sale. Ma jirrizultax lanqas li hija dak iz-zmien ipprotestat ma' l-attur dwar dan il-ksur unilaterali jew gibditlu l-attenzjoni li kien in breach of contract. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma kienx hemm ksur tal-ftehim mill-attur taht dan l-aspett.

Il-konvenuta semmiet ukoll ksur tal-ftehim konsistenti fil-ksur ta' **esklusivita'** geografika tal-bejgh tal-Mothercare billi l-atturi kienu ntrabtu li ma joffrux il-prodotti taghhom lil hadd fir-Rabat jew fl-inhawi mentri fil-fatt kienu bieghu xi toiletries f'Supermarket ir-Rabat.

Dwar dan l-ilment l-attur accetta li sar zball darba u li kien kaz isolat u insinifikanti u fil-fatt tranga. F'dan il-kaz inbieghu toiletries tal-Mothercare u mhux hwejjeg bhal meta kienet tbiegh il-konvenuta. Meta l-konvenuta ilmentat dwar il-kaz, dan gie rrangat u hi baqghet ghaddejja bin-negozju ma' l-attur. Ma kienitx ippretendiet dakinhar danni jew li kien hemm breach of contract. Ghalhekk lanqas f'din ic-cirkostanza l-konvenuta m'ghandha ragun.

Il-konvenuta xehdet li ghamlet spejjez biex rawmet il-hanut tar-Rabat biex igibu up to Mothercare standard fuq dikjarazzjoni ta' l-attur li hu kellu **l-franchise ta' Mothercare** meta fil-fatt ma kellux dan il-franchise.

Fuq dan il-punt il-Qorti tiddeciedi li fil-fatt il-konvenuta kienet taf li proprjament l-attur ma kellux franchise proprja imma kien on a trial basis. Fil-fatt il-Controller tal-Mothercare Arthur Smith (ara fol. 127) meta kiteb fil-1986 lil Dr. Alex Mizzi qal li :-

"With regard to the operation of Marlene's own premises as a mini Mothercare, however, I feel I must reiterate the point that I have made originally to you and **subsequently to her**, that the agreement to operate smaller than usual shops without the full Mothercare title on them is a limited agreement for 12 months."

L-istess jirrizulta mill-ittra a fol. 128 fejn Dr. Mizzi indika lill-konvenuta wara li baghtilha kopja ta' din l-ittra li "how important it is for you to realise Mothercare's position, viz. that we should not assume that they would be willing to continue with your shop."

L-istess ghandu jirrizulta mill-ittri l-ohra a fol. 131 u 132 li kien ser isir test marketing period u mhux a proper Mothercare franchise.

Anke l-ftehim li l-konvenuta ffirmat jipprovdi fl-artikolu 11 li l-konvenuta "is aware that Mothercare (UK) Ltd will be reviewing the status of all Mothercare outlets in Malta around July 1987, at which time, among other possible decisions, Mothercare could restrict the product range to be sold from the Premises to a particular age group" (fol. 6).

Punt iehor li semmiet il-konvenuta hu dwar in-nuqqas ta' **termination notice** li suppost kellha tinghata skond l-artikolu 7 tal-ftehim.

Jirrizulta bhala fatt li meta l-attur ra li l-konvenuta ma kienitx qed thallas hu kien ha lura l-merkanzija minghand il-konvenuta fil-presenza taghha u ghamillha credit note ta' dak li ha. L-attur qed jippretendi li t-terminazzjoni ma saritx f'cirkostanzi normali billi l-konvenuta ma kienitx hallset tal-merkanzija li kienet hadet on consignment u ppretenda li kellu dritt jehodha lura kif fil-fatt ghamel. Da parti **taghha**, l-konvenuta meta giet f'dina l-posizzjoni, ikkunsirat li "your actions …… can only be considered as a factual, unilateral termination of the agreement" (fol. 17). Ghalhekk ghal konvenuta kien hemm termination of the agreement fis-17 ta' Dicembru 1991. Fix-xhieda taghha fil-Qorti pero' l-konvenuta qed tikkontendi li kien hemm t-terminazzjoni meta giet prezentata l-kawza fil-1993 allavolja ma kienx qed isir negozju maghha. Ghall-attur il-ftehim gie terminat meta hu ma kkonsennjaliex aktar merkanzija.

Fil-kaz in ezami l-Qorti tiddeciedi li kien hemm nuqqas da parti ta' l-attur li jaghti **a formal** notice tat-termination tal-ftehim, haga pero' li l-konvenuta kienet taf li grat minn meta l-attur ma baqax jikkonsenjalha l-merkanzija.

Punt iehor li sollevat il-konvenuta hu dwar il-fatt li l-konvenuta qed tallega li l-attur li kien qed igibilha merkanzija antika u skaduta u minhabba f'hekk il-bejgh naqas drastikament u bdiet izzomm il-pagamenti. Minn naha l-ohra l-attur qed isostni li u ma baqax jaghtiha merkanzija ghax il-konvenuta waqghet lura fil-pagamenti u hu ezebixxa d-dokument a fol. 121 biex jikkonferma dan.

Il-Qorti tirrileva li mill-korrispondenza esebita a fol. 32 sa 41 (fost l-ohrajn) jirrizulta li minn November 1989, il-konvenuta kienet diga' bdiet taqa' lura fil-pagamenti u bdiet serje ta' ittri minn Peter Wirth fejn talabha biex thallas. Jirrizulta wkoll mid-dokument a fol. 129 liema dokument ma giex kontestat mill-konvenuta li hi kienet thallas f'hafna kazi b'lura bi ksur tal-artikolu 3 tal-ftehim. Meta l-attur ra li dan il-bilanc tela' ghal figura mhux accettabbli hu pproceda kontra l-konvenuta u ma baqax jikkonsenjalha merkanzija.

Il-konvenuta ssottomettiet li l-attur ma kienx qed jipprovdi merkanzija bizzejjed, u anke merkanzija antika, lil Conti wkoll, allavolja dina kienet regolari fil-pagamenti taghha.

Ghalhekk jirrizulta li fil-fatt l-attur kien qed joqos ukoll mill-obbligi tieghu li jipprovdi merkanzija skond il-ftehim mhux biss mal-konvenuta izda anke ma' Conti, li fil-kaz taghha m'ghandux l-iskuza li ma kienitx qed thallas. L-attur stess xehed li s-socjeta' kienet marret hazin u kellhom jillikwidawha.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta kienet kisret il-ftehim ghax ma kienitx regolari fil-pagamenti, u minn naha l-ohra l-attur naqas ukoll billi ma kienx f'posizzjoni ghal certu perijodu li jikkonsenja merkanzija gdida lill-konvenuta kif kien marbut li jaghmel skond il-ftehim.

Il-Qorti tikkonkludi li waqt li l-attur ghandu dritt jitlob l-ammont imsemmi fic-citazzjoni, l-konvenuta ghandha dritt titlob danni minhabba dan in-nuqqas da parti ta' l-attur fuq imsemmi u dan fil-fehma tal-Qorti ghandu jkun limitat ghall-perjodu Gunju 1991 sa Dicembru 1991.

**<u>Danni</u>**

> Dwar il-kwistjoni tal-franchise u l-ammeljoramenti li saru fil-hanut tar-Rabat il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija tiddeciedi li ma hemm xejn dovut lill-konvenuta ghax kienet taf bil-posizzjoni prekarja esistenti u anke kieku lanqas ma gewx indikati l-ispejjez li saru.
>
> Dwar danni ohra, l-konvenuta ressqet biss id-dokument a fol. 150 bhala prospett ghad-danni li allegatament hija sofriet. Illi dan id-dokument mhux prova sufficjenti billi mhux sostanzjat b'workings u dokumenti ohra biex jikkonfermaw din it-talba. Pero' ghal kull buon fine u biex jigu evitati eventwali kawzi ohra, l-Qorti tissuggerixxi li l-attur ghandu jnaqqas mill-ammont li qed jitlob Lm900 (disa' mitt lira Maltin) favur il-konvenuta in linja ta' danni."

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

Minn din is-sentenza appellaw biss il-konjugi Mizzi. Din il-Qorti minhabba n-natura partikolari tal-kaz kif ukoll ghax hekk kien jidher li kien fl-interess taz-zewg kontendenti fl-ewwel seduta quddiemha irrilevat li kien indikat li jigi koltivat l-import tas-suggeriment li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li l-attur inaqqas disa' mitt lira mill-ammont li kien qed jitlob u dan naturalment biex jigu b'hekk kompletament likwidati il-pendenzi bejn il-kontendenti u tigi evitata' l-possibbilita' ta' xi azzjoni ohra naxxenti minn negozju ta' bejniethom. L-appellati permezz tal-avukat taghhom iddikjaraw illi huma kienu lesti li jnaqqsu l-ammont kif suggerit mill-ewwel Qorti kwante volta l-appell jigi cedut. L-appellanti ma kienux prezenti f'dik l-ewwel seduta u naturalment il-Qorti halliet il-kawza biex l-appellanti jikkonsidraw il-possibbilita' li l-appell jigi kompost bonarjament. F'seduta sussegwenti pero', l-Qorti giet infurmata illi ma kienx intlahaq il-ftehim awspikat. Il-

Qorti allura awtorizzat it-trattazzjoni tal-appell bil-miktub. L-appellanti nghataw terminu biex hekk jaghmlu bid-dritt tar-risposta mill-kontro-parti. It-terminu moghti ghadda inutilment u l-Qorti kellha allura tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq l-atti quddiemha.

Din il-Qorti tghid qabel xejn illi ma hi xejn sodisfatta illi l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti b'mod partikolari mill-appellanti kienu adegwatament ikopru t-terren espost kemm fit-talba attrici kif ukoll fil-kontro-talba. Infatti filwaqt illi s-socjeta' attrici ipproduciet dokumentazzjoni kopjuza tal-korrispondenza kollha illi hi baghtet lill-appellanti, kemm fir-rigward tal-ftehim milhuq bejniethom u anke kif kellu jigi kondott in-negozju, dwar kif gie fil-fatt gestit inkluzi interpellazjonijiet ripetuti ghall-pagament tal-ammonti dovuti, da parti tal-appellanti, ma jidher li gie prezentat xejn hlief kopja tal-ittra tas-7 ta' April 1986, li fiha ntalbet informazzjoni dwar kif kellu jigi armat in-negozju u statement li, xott xott, ikkwantifika d-danni pretizi mill-konvenuta ghal telf ta' profitt fis-snin bejn Ottubru 1986 u Awissu 1990. Dan in-nuqqas da parti tal-appellanti hu sinjifikattiv in kwantu, jekk hu minnu kif jidher illi l-korrispondenza tas-socjeta' attrici matul is-snin ma giet bl-ebda mod reciprokata anke fejn din kienet tikkonsisti f'interpellazzjonijiet iebsin ghall-pagament ta' dak li kien dovut skond is-socjeta' attrici ghall-hlas tal-prezz ta' merkanzija konsenjata, dan ikun jiggustifika s-sottomissjoni tal-atturi nomine illi r-rezistenza ghat-talbiet attrici biex jigi mhallas dak li kien dovut, kienet tirrisali ghaz-zmien meta

gew intavolati l-proceduri gjudizzjarji kontra l-konvenuti. L-eccezzjonijiet sollevati kellhom allura aktar minn natura ta' difiza gjudizzjarja biex wiehed jostakola l-process tal-hlas ta' dak li kien dovut milli ghoti ta' eccezzjonijiet ben fondati fil-fatt u fid-dritt li l-konvenuti kienu preparati li jsostnu. Infatti din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi minn imkien mill-korrispondenza ezebita ma seta' jigi provat illi l-appellanti kienu qeghdin jirrezistu li jhallsu dak li s-socjeta' attrici kienet tippretendi li kien dovut abbazi tad-difiza tallum illi s-socjeta' attrici kienet inadempjenti kontrattwalment.

Hu ghalhekk sorprendenti – u dan sewwa gie rilevat fis-sentenza appellata – li anke fuq wiehed mill-aktar punti kardinali tal-kontestazzjoni taghha – dak cioe' illi socjeta' attrici kienet naqset mill-persentagg ta' profitt fiz-zmien tas-sales in vjolazzjoni tal-ftehim milhuq, ma tirrizulta l-ebda prova illi l-appellanti kienet ikkontestat din id-decizjoni a tempo vergine nonostante illi dan seta', kieku provat li sar unilateralment in vjolazzjoni ta' ftehim, jitqies li kien inadempjenza kontrattwali bil-konsegwenzi kollha gjuridici li tali sitwazzjoni kienet timporta. Mill-kumpless tal-provi jidher illi l-appellanti ghazlu illi jhallu sitwazzjoni tkaxkar u tevolvi minghajr lanqas jiehdu dawk il-passi illi setghu kienu indikati lilhom biex jipprotegu l-interessi taghhom. Ghall-kuntrarju mhux hekk ghamlet is-socjeta' attrici illi baqghet tippersisti u tezigi l-hlas lilha dovut f'dan ir-rigward. Ghamlet dak kollu li kien

mehtieg biex tassigura l-kreditu taghha sakemm ipprocediet bil-prezenti istanza.

Is-socjeta' attrici kienet allura pjenament f'posizzjoni mill-provi prodotti illi sodisfacentament tipprova l-ammont lilha dovut. Kuntrarjament ghal dak li jissottomettu l-appellanti kien bizzejjed ghas-socjeta' attrici li tipprova l-konsenja lilhom tal-merkanzija u l-valur taghha permezz ta' invoices u dokumenti ohra tan-negozju. Una volta tissodisfa din il-prova kif fil-fatt ampjament jidher mill-atti li ghamlet, kien jispetta lill-konvenuti illi jiddefendu ruhhom jew billi jipprovaw il-pagament jew alternattivament illi jissodisfaw lill-Qorti li l-ammont ma kienx dovut ghaliex huma stess kienu debituri tal-atturi kredituri f'ammont ekwivalenti jew akbar lilhom dovut f'dan il-kaz in lineja ta' danni minhabba inadempjenza kontrattwali. Infatti l-ewwel aggravju tal-appellanti hu fis-sens illi l-ewwel Qorti erronjament tefghet il-piz tal-prova fuq il-konvenuta meta dik il-prova kienet tinkombi fuq l-atturi li kellhom jipprovaw il-kreditu taghhom.

L-appellanti jissottomettu li l-atturi ma gabu l-ebda prova dwar il-korrettezza tal-kont taghhom. Huma ppretendew illi l-ewwel Qorti kellha tanalizza hi illi jekk dak il-kont kienx gie provat jew le. Dan l-aggravju generiku bl-ebda mod ma huwa rifless fil-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. Infatti jekk kien hemm xi haga certa li giet stabbilita lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli kien il-kreditu pretiz mill-

atturi nomine u li gie bi precizjoni kwantifikat partita f'partita skond il-konsenji maghmula. Id-dokumentanzzjoni prodotta mill-atturi nomine hija awtentika u ma gietx per se' kontestata mill-konvenuta. Fin-nuqqas ta' tali kontestazzjoni, din il-Qorti ma kien jehtigielha taghmel xejn ghajr illi tassigura illi l-kreditu pretiz ikun gie konfermat bil-gurament u kellha biss tindaga ulterjorment u tanalizza l-kont sottomess mill-atturi nomine fejn dan jigi mess in dubbju mill-konvenuti. Jidher pero' illi l-appellanti kienu aktar preokkupati biex jistabbilixxu inadempjenza kontrattwali tas-socjeta' attrici li skond huma kienet tirrendiha passibbli ghad-danni milli biex jikkontestaw l-ammont li kienu qed jigu interpellati biex ihallsu. Infatti huma la jikkontestaw il-konsenja tal-merkanzija, la jpoggu fid-dubbju l-prezzijiet mitluba ghaliha jew il-bilanc komplessivament reklamat u lanqas javanzaw eccezzjonijiet fir-rigward tal-kwalita' u natura tal-oggetti mibjugha. Eccezzjonijiet f'dan is-sens l-appellanti ma avanzawx quddiem l-ewwel Qorti. Hu minnu illi jilmentaw (u dan sostnewh ukoll fil-prezenti appell) illi xi merkanzija lilhom konsenjata kienet skadenti u skaduta. L-atturi provaw jinsistu illi jekk dan gara, dan kien fiz-zmien meta l-konvenuti kienu waqghu lura serjament fil-pagamenti dovuti u allura s-socjeta' attrici ghazlet illi ma tkomplix taggrava s-sitwazzjoni qabel ma jigu regolarizzati l-kontijiet.

Anke jekk jigi koncess li dan l-ilment tal-appellanti seta' kien in parti gustifikat, l-ebda aggravju f'dan ir-rigward ma gie sottomess f'dan l-appell. Infatti t-tieni aggravju li jittratta wkoll fir-rigward l-ammont

reklamat mis-socjeta' attrici kien limitat ghas-sottomissjoni illi jirrizulta ampjament fir-rigward tal-konteggi li l-atturi mhux dejjem akkreditaw il-konvenuti bil-kummissjoni pattwita skond il-kuntratt. L-appellanti jilmentaw, kif inghad, illi fuq certu bejgh kienet thallset lilhom biss kummissjoni ta' tnax u nofs fil-mija mentri dik pattwita skond il-kuntratt kienet ta' hamsa u ghoxrin fil-mija. Dwar din il-kwistjoni hemm konflitt fil-provi u din il-Qorti taqbel illi una volta l-kuntratt kien kif jispecifika kummissjoni ta' hamsa u ghoxrin fil-mija. Kull deroga minn dak il-ftehim bil-miktub kellha tigi provata minn min jallega li kellu d-dritt illi jhallas kummissjoni anqas. Kienu allura l-appellati nomine li kellhom jaghmlu din il-prova u f'kaz li jibqa' jissusisti d-dubbju u dan kellu jmur favur l-appellanti. Anke hawn pero', din il-Qorti hi perturbata mill-fatt illi minn imkien ma jirrizulta illi l-appellanti ghamlu xi reklami mas-socjeta' attrici dwar dan il-fatt <u>qabel</u> ma giet istitwita din il-kawza u anqas u anqas fil-mument meta kienet dovuta l-kummissjoni fiz-zmien tas-sales minn sena ghal ohra. Kien ukoll ghalhekk li l-ewwel Qorti dehrilha mhux bla raguni illi kellha taccetta s-sottomissjoni tal-appellati nomine illi kienu uzwali u kommercjalment accettat illi fiz-zmien tas-sales, il-persentagg tal-profitt ikun sewwa ridott.

L-ahhar aggravju tal-appellanti hu fis-sens illi kellu jirrizulta ampjament mill-provi illi l-atturi kienu kisru l-kuntratt f'diversi punti materjali u importanti u bhala konsegwenza ta' dan kienu arrekawlhom danni ingenti. Anke hawn pero' l-appellanti naqsu mhux biss illi

adegwatament jillustraw u jikkwantifikaw ix-xorta ta' inadempjenza kontrattwali li allegatament arrekatilhom danni imma wkoll naqsu li jissodisfaw lill-Qorti illi l-inadempjenza kontrattwali allegata kienet determinanti fir-rigward tan-non pagament tal-ammont gustament pretiz mis-socjeta' appellanti ghall-merkanzija konsenjata. Aktar u aktar huma naqsu li jissodisfaw lill-Qorti illi huma kienu gustifikati li ma jaffettwawx il-pagament proprju minhabba din l-inadempjenza waqt li gie adegwatament stabbilit illi jekk kien hemm ix-xorta ta' inadempjenza addebitata lis-socjeta' attrici, din kienet ukoll dovuta proprju ghall-fatt illi l-konvenuti kienu baqghu lura mill-hlas ta' dak li kien minnhom dovut. Dana certament japplika fir-rigward tal-kwalita' tal-merkanzija supplita mill-atturi nomine. Mhux bla raguni jissottomettu illi meta d-debitu tal-appellanti lahaq proporzjonijiet allarmanti, huma kellhom prudentement jiehdu passi biex jipprotegu l-interessi taghhom billi ma jaggravawx is-sitwazzjoni bil-konsenja ta' merkanzija tal-ahhar moda li setghet tigi facilment zmercjata minn negozji aktar stabbli.

L-ewwel Qorti fl-apprezzament taghha tal-provi accettat din il-gustifikazzjoni tas-socjeta' attrici bhala wahda ragjonevoli u attendibbli. Inoltre bl-ebda mod ma ravvizjat f'din ic-cirkostanza illi, indipendentement mic-cirkostanzi partikolari u d-diffikultajiet tan-negozju u li sabet ruhha fihom is-socjeta' venditrici, skuzanti biex il-konvenuti ma jhallsux dak li kien minnhom dovut. F'kull kaz din il-Qorti m'ghandhiex raguni ghaliex tiddisturba l-gudizzju tal-ewwel Qorti fis-

sentenza appellata meta waslet ghall-konkluzjoni illi nonostante nuqqasijiet li seta' kien hemm da parti tal-appellati nomine dawn ma kienux ta' gravi totali li kellhom jammontaw ghall-inadempjenza kontrattwali li tiggustifika lill-konvenuti milli jhallsu dak li kien minnhom dovut ghall-merkanzija lilhom konsenjata jew tesponihom ghad-danni konsegwenzjali. Danni li f'kull kaz il-konvenuti ma kkwantifikawx adegwatament u wisq anqas ipprovaw li effettivament sofrewhom. L-aggravji tal-konvenuti ma jistghux allura jigu sostnuti bil-mod kif sottomessi.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti ma tistax ma tiehux nota mhux biss tad-dikjarazzjonijiet tal-atturi nomine illi kienu pronti illi jaccettaw riduzzjoni fl-ammont ta' disa' mitt lira mis-somma reklamata, kif rakkomandat fis-sentenza appellata anke jekk tali dikjarazzjoni saret bla pregudizzju u bil-kondizzjoni li l-appell jigi cedut imma wkoll tas-sottomissjoni li l-istess socjeta' attrici ghamlet fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha quddiem l-ewwel Qorti illi, anke jekk it-talba ghad-danni maghmula fil-kontro-talba kellha titqies li kienet valida, "l-ammont ta' danni li setghet il-konvenuta sofriet u ghalhekk tista' tirrikjama permezz tal-kontro-talba taghha, jekk is-socjeta' attrici setghet b'xi mod kienet responsabbli ghall-ksur tal-ftehim kien ta' Lm779.28". Jidher ghalhekk illi kollox jindika illi kien xieraq biex il-vertenzi bejn il-kontendenti jigu finalment likwidati u tigi wkoll evitata l-possibbilita' ta' litigazzjoni ulterjuri naxxenti mill-istess fatti illi ir-rakkomandazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti ghar-riduzzjoni fl-ammont pretiz proprju biex taghmel tajjeb ghal xi

inadempjenzi ravvizati da parti tas-socjeta' attrici, liema rakkomandazzjoni giet bil-mod fuq precizat accettata mill-atturi nomine, tigi inkorporata f'din is-sentenza.

L-appellanti jissottomettu illi r-rakommandazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti li l-atturi jikkompensaw il-konvenuti b'tnaqqis tas-somma ta' disa' mitt lira kien apparentament kontradittorju mal-konkluzjoni taghha li l-atturi appellati ma kienux responsabbli ghad-danni kawzati fl-ezekluzzjoni tal-kuntratt. Dan hu sa certu punt minnu u seta' u kellu issa jigi rettifikat. Din il-Qorti tifhem id-diffikolta ta' l-ewwel Qorti biex tilqa' il-kontro-talba in parte una volta ma kienitx f'posizzjoni illi mill-provi tikkwantifika d-danni b'riferenza ghall-inadempjenzi partikolari imsemmija mill-appellanti fil-premessi ghat-talbiet fil-kontro-talba taghha. Kien allura b'sens ta' gustizzja illi ghamlet ir-rakkomandazzjoni lill-atturi nomine billi ma kienitx f'posizzjoni li titraduci l-konvinzjoni morali taghha f'parametri precizi ta' responsabbilita' guridika.

Dik is-sitwazzjoni llum tista' tkun rimedjata in vista tal-accettazzjoni anke jekk kondizzjonata tas-socjeta' attrici illi tirriduci l-ammont minnha pretiz. Din il-Qorti sejra allura taccetta parzjalment il-kontro-talba tal-konvenuti billi tilqa' t-talba tad-dikjarazzjoni li kien hemm responsabbilita' da parti tas-socjeta' attrici ghal inadempjenza kontrattwali li bhala konsegwenza taghha l-appellanti kienu sofrew danni li qed jigu kwantifikati fis-somma ta' Lm900. L-ammont kollu

likwidat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kellu jigi allura mnaqqas b'din is-somma ghal Lm4110.43.8.

Fir-rigward tal-imghax, din il-Qorti ma sabet l-ebda prova fil-process kif is-socjeta' attrici waslet ghall-komputazzjoni tal-figura ta' Lm865.749 ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 1991 sal-25 ta' Jannar 1993. Kien sollevat ukoll illi mill-premessi u mill-provi jirrizulta illi s-socjeta' attrici baqghet tikkonsenja merkanzija lill-konvenuta sas-17 ta' Novembru 1992. Wiehed jifhem illi s-socjeta' attrici qed tirreklama l-imghax abbazi tal-principju li dawn fil-kummerc jiddekorru appena jkun dovut il-kapital apparti illi skond il-ftehim tal-25 ta' Settembru 1986 "the consignor will invoice the consignee for this amount, the amount will be settled immediately". Jidher illi l-ftehim kien illi l-merkanzija tinghata "on consignment" meta allura s-socjeta' attrici kienet tqis illi l-merkanzija f'idejn l-appellanti kienet baqghet proprjeta' taghha sakemm tinbiegh jew tigi ritornata. Mhux allura car kemm seta' jigi pretiz imghax fuq merkanzija li ma kienitx ghadha mibjugha sakemm ma jkunx hemm ftehim car u specifiku fuq daqshekk. Mill-banda l-ohra l-kwistjonijiet li nqalghu bejn il-kontendenti, li in parte jaghtu ragun lill-appellanti, kienu ta' ostakolu ghad-dekorriment ta' imghax fuq kapital likwidu u cert anke jekk l-appellanti mill-ewwel kienu ammettew li xi ammont kien dovut minnhom lill-atturi nomine. Kien hemm per ezempju okkazjoni fejn giet elevata mill-imhazen tal-appellanti kwantita' notevoli ta' merkanzija biex tinbiegh banda ohra ghas-socjeta' attrici u dana f'Malta. Ma jirrizultax

jekk l-appellati kienux ukoll qeghdin jippretendu imghax fuq din il-merkanzija. Din il-Qorti allura waslet ghall-konvinciment illi l-imghax kellhom jiddekorru mid-data tan-notifika tal-att tac-citazzjoni fit-3 ta' Marzu 1993 sad-data tal-effettiv pagament. Gust ukoll illi l-ispejjez kollha tal-kawza jigu sopportati skond ir-rispettiv rebh u telf.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appelli billi tirriforma s-sentenza appellata b'dan il-mod :-

1. Tikkonfermaha fejn laqghet l-ewwel talba tal-atturi nomine dwar il-kapital ta' Lm5,010.43c8 ;

2. Tirrevokaha fejn laqghet l-ewwel talba tal-attur nomine dwar l-interessi ta' Lm865.74,9, liema pretenzjoni qieghda ghalhekk tigi michuda ;

3. Tirrevokaha fejn cahdet il-kontro-talba tal-konvenuti, u minflok, u fis-sens riferit fil-korp ta' din is-sentenza, tilqa' l-ewwel tlett talbiet kontenuti fl-istess kontro-talba billi tikkwantifika d-danni relattivi fis-somma ta' Lm900. Din is-somma ghandha ghalhekk tigi kkompensata mill-kapital ta' Lm5010.13,8, dovuta lill-atturi nomine biex b'hekk il-konvenuti ghandhom ihallsuhom is-somma bilancjali ta' Lm4110.43,8 - bl-imghax legali fuq din is-somma dekoribbli mid-data tan-notifika tal-att tac-citazzjoni kif fuq intqal.

L-ispejjez kollha tal-kawza kellhom jigu sopportati in kwantu ghal kwint mis-socjeta' attrici u kwantu ghal erbgha kwinti mill-konvenuti.  F'dan is-sens ukoll is-sentenza appellata minn din il-Qorti qed tigi riformata.

Dep/Reg

mg